# ĠRAJJA TA' 325 SENA ILU

## It-terremot tal-1693 deskritt f'testment magħmul l-Imqabba

*Riċerka u Kitba ta' Victor Bonnici*
*Traduzzjonni għal Malti ta' Charles J. Farrugia*

Kien il-Ħadd, 11 ta' Jannar 1693, għal ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar. Grazzja Cassar, bint Nikola, jgħidilna n-nutar Marc Antonio Brancati, kienet b'saħħita, għall-grazzja t'Alla, fil-moħħ, fil-ġudizzju u fl-intellett, u allura kapaċi sabiex tagħmel it-testment tagħha minkejja li kienet dgħajfa fil-ġisem u mixħuta fis-sodda f'darha ġewwa l-Imqabba. Biswita kien hemm tmint irġiel, kollha magħżula u msejħa mill-istess Grazzja – sebgħa minnhom kienu x-xiehda, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien; it-tmien wieħed kien l-istess Nutar Brancati, imqabbad minnha biex jiktbilha t-testment tagħha.

Waqa' s-skiet fil-kamra hekk kif in-nutar qabad il-pinna u l-karti sabiex iħożż l-aħħar xewqat ta' Grazzja – meta f'daqqa waħda instemgħet bħal ragħda qawwija tfaqqa' fil-bogħod. Imma mhux daqshekk! It-tregħid kompla jżid u jersaq lejn fejn kienu huma, u aktar mal-ħoss beda jersaq lejhom, aktar beda jitqawwa. L-art bdiet titheżżeż u titbandal; il-ħitan triegħdu u xxenglu. B'moħħ tipiku ta' Malti, in-nutar xebbaħ dak iċ-ċaqliq ma' dak ta' ġifen f'baħar imqalleb, maħkum mill-irjiħat u l-ħalel, jew inkella ma karettun jitbandal 'l hawn u 'l hinn fuq toroq imħarbta. Biża' kbir ħakem 'l dawk kollha miġbura; beżgħu li d-dar ser tiġġarraf fuqhom u tordomhom taħt it-terrapien. Mimlija bil-biża', għajnejhom imberrqa, qalbhom tħabbat sitta sitta, wiċċhom sfar isfar lellux, u kliemhom weħel fi griżmejhom. Konxji tal-periklu li kienu fih, huma ntefgħu għarkupptejhom u nidmu f'qalbhom b'att ta' ndiema. Talbu maħfra lil Alla u bla waqfin tennew, '*Sanctus Deus, Sanctus Fortis, Sanctus Immortalis, miserere nobis*'; talbu wkoll l-interċessjoni ta' Sant'Antnin ta' Padova, qawwi fil-mirakli, u tal-Verġni Mqaddsa Marija taħt it-titolu tal-Immakulata Kunċizzjoni bit-tama li l-Missier Etern itaffi l-għadab tiegħu lejhom u jaħfrilhom ħtijiethom.

Għadda ftit tal-ħin, u bis-saħħa tal-qawwa tat-talb tagħhom, huma bdew jistejqru, u l-kalma reġgħet waqgħet fil-kamra tas-sodda. In-nutar Brancati kompla jikteb l-aħħar xewqat ta' Grazzja – u fl-ewwel lok hija raddet ruħha 'l Alla, lill-Verġni Mqaddsa Marija u lill-Qaddisin kollha tas-sema; ġisimha, iżda, lit-trab fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba fejn xtaqet li tindifen. Ordnat diversi quddies għal maħfra ta' dnubietha, u ħalliet is-soltu somom żgħar ta' flus lill-Granmastru, lill-Isqof u lill-kappillan għar-rikonoxximent tat-testment tagħha; ħalliet ukoll ħames skudi għal bini tal-knisja parrokkjali, u peress li kienet xebba, ħatret lin-neputijiet tagħha bħala werrieta universali.


Testamentum Gratie Cassar.
Eodem Die xj.° mensis Januarij 6.ae Ind.s 1693. ante
In Dei Nomine Amen.
Notum facimus et testamur quod dis.ta Gratia innupta filia quondam Nicolai Cassar de hoc casali Michabiba, mihi notario infrascripto cognita, presens coram nobis, sana Dei gratia mente, visu, et intellectu, propriaque rationis bene compos existens, licet iacens in lecto sic corpore languens, sciens universali lege se morti subiectam et ab hoc seculo migraturam, timens iudicium Divinum, aliquando repentinum, et

NAV, MS 608/13, f. 17. Ecce terraemotus factus est magnus.

Imqanqal minn dak li kien għadu kif seħħ, u mnebbaħ mill-kliem formulatorju li kien jingħad fl-introduzzjoni ta' kull testment, 'Xejn mhu aktar ċert mill-mewt u xejn mhu aktar inċert mis-siegħa tal-mewt', flimkien mal-biża' tal-Haqq Divin ta' mewt għall-għarrieda, in-nutar ħass li kien f'waqtu li jħalli bil-miktub għall-ġejjieni fil-kitba tat-testment ta' Grazzja dik l-esperjenza tal-waħx li kienu għadhom kif għaddew minna.

Din id-deskrizzjoni tat-terremot insibuha f'kopja tal-atti miġbura tan-Nutar Marc Antonio Brancati (*Registrum*

*actorum*, NAV R87/7, 11 ta' Jannar 1693, ff.144v et) imma mhux fil-volum oriġinali (*Minutae Actorum*). Madankollu, biex ifakkar dan l-avveniment fl-oriġinal, fil-ġenb tal-istess testment tinstab in-nota: *Testamentum Gratiae Cassar. Ecce terraemotus factus est magnus* (It-testment ta' Gratia Cassar. Ara! seħħ terremot qawwi, NAV, MS13/608, 11 ta' Jannar 1693, ff. 17-18v).

Xi sittin sena wara, in-nutar Giuseppe Debono (*fl.* 1714-1768), bħala kuratur tal-atti tan-nutar Marc Antonio Brancati (*fl.* 1680-1737), fil-preżenza tan-nutar Salvatore Ignazio Bonavita (*fl.* 1756-1792), intebaħ b'din id-deskrizzjoni storika waqt li kien qed jiġbor l-istess dokumenti fl-ordni rikjest mill-prassi notarili. Konxju tal-importanza ta' dan ir-rakkont, ikkupjah u ra li jkun awtentikat minn dawk preżenti. B'xi mod, dan id-dokument spiċċa mal-*Miscellanea* ġewwa l-Librerija Nazzjonali ta' Malta (NL, Ms. 325).

L-esperjenza li għaddew minna n-nutar Brancati, Grazzja Cassar u s-seba' xiehda kienet dik tat-terremot li għeżżeż il-Val di Noto u l-Lvant ta' Sqallija, u li nħass qawwi wkoll f'Malta. Jingħad li 60,000 ruħ tilfu ħajjitom ġewwa Sqallija, filwaqt li ġġarfu ħafna bliet u rħula f'dik il-gżira. F'Malta huwa magħruf li għalkemm ma kienx hawn imwiet, kien hawn iżda diversi ħsarat f'bini f-forma ta' konsenturi u ħsarat fil-ħitan, iżda l-akbar ħsarat seħħew fit-tiġrif tal-katidral medjevali tal-Imdina, tal-katidral t'Għawdex u tal-koppla tal-knisja 'tal-Pilar' fil-Belt Valletta.

Grazzja Cassar għexet għal tliet snin u ħames xhur oħra minn meta għamlet it-testment. Hi ħalliet din id-dinja fit-12 ta' Ġunju 1696. Sitt ijiem qabel mietet, hi reġgħet sejħet seba' xiehda u lill-istess nutar Marc Antonio Brancati biex jikteb kodiċill għat-testment tagħha. Saħħet Grazzja issa kienet marret lura sew. In-nutar osserva li għalkemm hi kienet għadha ħajja u fil-kontroll ta' ħsiebha, kienet iżda issa tilfet id-dawl ta' għajnejja t-tnejn u kienet mifnija bl-età (*utroque lumine careat, senioque confecta*). F'dan il-kodiċill, hija ħalliet xi ħwejjeg żgħar u xi għamara lin-neputijiet tagħha tal-għajnuna li kienu tawha, bidlet xi ftit mid-dettalji tat-testment oriġinali, iżda fil-kumplament hija ġeddet dak li kienet kitbet fl-ewwel wieħed. Dan il-kodiċill għadu jeżisti sal-lum għalkemm jinsab f'qagħda ta' preservazzjoni prekarja (NAV, MS 13/608, 6 ta' Ġunju 1696, ff. 36-37).

Dan li ġej hi traduzzjoni mill-Latin tar-rapport tan-nutar Marc Antonio Brancati u l-esperjenza li ra b'għajnejh waqt it-terremot tal-11 ta' Jannar 1693 (R87/7, ff. 144v-145v).

Fl-istess jum, il-ħdax tax-xahar ta' Jannar, tal-ewwel Indizzjoni, fl-elf sitt mija u tlieta u disgħin mit-twelid ta' Kristu. Fl-isem t'Alla, Ammen.

Ngħarrfu u nixhdu li s-Sinjura Grazzja, bint il-mejjet Nicola Cassar, xebba, mir-raħal tal-Imqabba, minni Nutar magħrufa, hawn taħt iffirmat, preżenti quddiemna, għall-grazzja t'Alla b'saħħita fil-moħħ, fil-ġudizzju u fl-intellett u tinsab sew fil-kontroll ta' ħsieba, minkejja li tinsab dgħajfa fis-sodda, tagħraf li taħt il-liġi naturali hija suġġetta għal mewt, u li xi darba trid tħalli din id-dinja, tibża' mill-Ħaqq Divin għall-għarrieda, u mis-siegħa tal-mewt li mhix magħrufa, billi xejn mhu aktar ċert mill-mewt, u xejn mhu aktar inċert mis-siegħa tal-istess mewt. Mhux għalxejn, għalhekk, hija tibża' minn dawn il-ħwejjeg, u aħna lkoll għandna nibżgħu. Għax aħna rajna l-Ħaqq Divin tassew quddiem għajnejna u s-siegħa għall-għarrieda tal-mewt tagħna.

Għax għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar, waqt li t-testatriċi kienet bdiet tistqarli l-aħħar xewqat tagħha, u waqt li jien kont qed nismagħha, lest biex inniżżilhom – ħasda! Smajna tfaqqigħa kbira, bħat-tkarwit tar-ragħad ikarwat fil-bogħod, jew bħal ħoss ta' karettun riesaq mill-bgħid, li aktar ma joqrob, aktar beda jsir tal-biża'.

Fi ftit ħin, imbagħad, id-dar kollha bdiet titriegħed, u titbandal 'l hawn u 'l hinn, bħal ġifen mitluq għal riħu maħkum sew mill-qilla tar-riħ u tempesti qliel. Sadanitant, jien, u dawk kollha preżenti, għalkemm fil-fatt b'saqajna sodi fuq l-art, ħassejna li qed ninġarru, f'waqtiet bħal li kieku konna fuq dan l-istess ġifen, f'waqtiet oħra fuq karettun. U meta ħarisna madwarna rajna li d-dar kollha kienet qed tiċċaqlaq, u f'xifer li tiġġarraf. Meta ħarisna lejn xulxin, rajna wċuħ sfajrana, xuftejn bojod, u għajnejn iddisprati bil-biża'; għall-ewwel ukoll, il-biża' serqitilna l-leħen minn ħalqna, u l-kliem weħel fi griżmejna. Intant, dan kollu wassal biex qalbna bdiet tħabbat tgħaġġel aktar mid-dinja ta' madwarna hekk maqbuda fit-theżżiz ta' terremot ta' barra minn hawn.

Ftit wara, bdejna nieħdu n-nifs mill-ġdid, u kull wieħed minna ntefa għarkupptejh, jgħarbel f'moħħu n-nuqqasijiet tiegħu, u jagħmel l-att tal-indiema, u jitlob maħfra mingħand Alla l-Omnipotenti filwaqt li ntennu ta' sikwit, drabi t-*Trisagion Angelica*: *Qaddis Alla,*



*NAV, MS 608/13, f. 37. Is-siġill tan-Nutar Marc Antonio Brancati fit-tmiem tal-kodiċill.*

*qaddis qawwi, qaddis immortali, ħenn għalina*, u drabi r-responsorju ta' Sant'Antnin ta' Padova: *Jekk qed tfittex il-mirakli*, flimkien ma talb ieħor repetittiv waqt li konna nikkontemplaw il-Ħniena Divina, sabiex bl-intercessjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla, imwielda bla tebgħa, u ta' Sant'Antnin ta' Padova, Hu jtaffi l-korla mqanqla minn dnubietna, ikollu ħniena minnha, u jżomm d-dinja sħiħa bla ma tiġġarraf. Meta qlajna din il-grazzja tal-ħniena, raddejna ħajr lill-Hallieq wisq tajjeb tagħna u r-Redentur li fdiena; u meta għadda ftit tal-ħin u l-biża' twarrab, erġajna lejn ħidmietna.



*NAV, R 87/7, f. 144v. Bidu tat-testment ta' Grazzja Cassar u fil-marġini l-irċevuta (11.vii.1696) li l-prokuraturi tal-bini tal-Knisja parrokkjali tal-Mqabba ħarġu lill-werrieta ta' Grazzja Cassar.*

U allura, Grazzja, l-imsemmija testattriċi, wara li l-Mulej Omnipotenti kellu ħniena minha billi għoġbu jħallilha l-hajja u l-integrità tal-ħsieb u tal-memorja tagħha bla mittifsa, bl-istess rieda bħal qabel, intant, b'rieda aktar b'saħħita, u bil-volontà ħielsa tagħha, sabiex tiddisponi bl-aħjar mod mill-ġid tagħha li Alla pprovdielha, u biex taħseb għall-ruħa, għall-ruħ il-ġenituri tagħha u ta' oħrajn, għaldaqstant hija ...

Magħmul f'Malta, fl-imsemmi raħal tal-Imqabba, xhieda preżenti mgħajta u mitluba għal dan it-testment mit-testatriċi nfisha: ir-Reverendu Sinjur Don Gregorio Schembri - saċerdot, Mastru Jacobino Sammut bin il-mejjet Luqa, Domenico Buttigieg bin il-mejjet Pietro, Mariutio Farrugia bin Damian, Natal Hagius bin il-mejjet Nicola, Simone Farrugia bin il-mejjet Giovanni, u Jacob Sammut bin Natal, ilkoll mill-Imqabba.

*Hajr: Dr Joan Abela minn Notarial Archives Foundation u lil Mary Buttigieg għall-qari tal-provi.*




# BRIAN GREEN

FUNERAL SERVICE

*Irrikorru*

30, Main Street, Żurrieq Tel: 21642738
Rustica, Massabielle Street, Qrendi
Tel: 21642508 Mob: 99497959, 99494880, 99230850
email: bgreen@maltanet.net